

32006D0571

L 227/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.8.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Awwissu 2006

li temenda d-Deċiżjoni 2005/648/KE dwar il-miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-marda tan-Newcastle fil-Bulgarija

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3622)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/571/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(7) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 22 (6) tagħha,

Billi:

- (1) Il-marda tan-Newcastle hija marda virali kuntaġġuża ħafna fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar u hemm riskju li l-aġent tal-marda jista' jiġi introdott permezz tal-kummerċ internazzjonali ta' tjur ħajjin u prodotti tat-tjur.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/648/KE tat-8 ta' Settembru 2005 dwar il-miżuri ta' protezzjoni dwar il-marda tan-Newcastle fil-Bulgarija ⁽³⁾ kienet ġiet adottata wara tfaqqigħa tal-marda tan-Newcastle fir-reġjun amministrattiv ta' Vratsa. Dik id-Deċiżjoni tissospendi l-importazzjoni tat-tjur ħajjin ta' l-irziezet, ir-ratiti, it-tjur selvaġġ u dak imrobbi u l-bajd tat-tfaqqis, il-laħam frisk u l-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam minn dawn l-ispeċijiet.
- (3) Il-Bulgarija kkonfermat tfaqqigħa tal-marda tan-Newcastle fid-distrett amministrattiv (kontea) ta' Kardzhali fil-Bulgarija.
- (4) Waqt li titqies is-sitwazzjoni attwali epidemjoloġika fil-Bulgarija dwar il-marda tan-Newcastle u l-fatt li dak il-pajjiż applika ċerti miżuri ta' kontroll tal-marda u baġhat iktar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-marda lill-

Kummissjoni, jidher li s-sitwazzjoni fil-Bulgarija għajr għar-reġjuni ta' Vratsa, Blagoevgrad, Kardzhali and Burgas (esklużi l-muniċipalitajiet ta' Burgas u Sungurlare) hija sodisfaċenti. Għaldaqstant ikun xieraq li s-sospensjoni fuq l-importazzjonijiet tiġi limitata għal dawk ir-reġjuni.

- (5) L-Anness għad-Deċiżjoni 2005/648/KE għandu, għalhekk, jiġi emendat kif xieraq.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni 2005/648/KE l-Anness huwa sostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom minnufih jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jippublikaw dawn il-miżuri. Huma għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-14 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

⁽²⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 238, 15.9.2005, p. 16. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/354/KE (ĠU L 132, 18.5.2006, p. 34).

ANNEX

“ANNEX

Id-distrett amministrattiv ta' Blagoevgrad.

Id-distrett amministrattiv ta' Burgas, barra l-muniċipalitajiet ta' Burgas u ta' Sungurlare

Id-distrett amministrattiv ta' Vratsa

Id-distrett amministrattiv ta' Kardzhali”
